**Topik ġenerali: It-Tliet Qżieqeż**
**By Ms Analisa Micallef**

**Deskrizzjoni tal-Lezzjoni:**
It-tfal ser jitgħallmu kliem ġdid u li jkunu kapaċi jibnu storja permezz ta' stampi.
Kliem ġdid: (qażquż, lupu, dar, tiben, zkuk, ġebel)

**Għanijiet tal-lezzjoni**
It-tfal jitgħallmu jisimgħu u jistaqsu. (S)
Jitgħallmu dwar tipi ta' materjali li minnhom jinbnew id-djar.
M-CL 1.15 Jaqra b'kunfidenza kliem regolari. (P)
M-CL 1.12 Jgħid u jgħoddu l-ħsejjes tal-kliem. (S P T)
It-tfal jiġu mistoqsija biex iqabblu l-kelma mal-istampa (T P)
Li jużaw l-immaġinazzjoni sabiex jiktbu tmiem oriġinali għall-istorja. (K)

**Episodji ta' Tagħlim**
Bħala preparazzjoni għal din il-lezzjoni t-tfal jagħmlu maskra ta' qażquż jew ta' lupu. (T)

**L-ewwel pass**

Hawnhekk it-tfal jiġu ntrodotti għal l-istorja tat-***Tliet Qżieqeż*** permezz ta' Preżentazzjoni PowerPoint. Fina tiġi ħdejja waqt il-qari tal-istorja għax din il-fekruna tħobb taqra.. It-tfal jiġu mistiedna jużaw il-maskri tal-qżieqeż u tal-lupu waqt li qed tinqara l-istorja.

**It-tieni pass**

L-għalliema ssaqsihom fhiex ifakkruhom dawn l-istampi - It-Tliet Qżieqeż. Faru jiġi ħdejja waqt li nużaw il-*fishing rod.* Tintuża *fishing rod* sabiex it-tfal jaqbdu l-flexkards minn ġo kaxxa - It-tfal jgħid u jgħoddu l-ħsejjes tal-kliem. 'Liema

puppet ħa nġibu ħdejna biex ikun jista' jgħinna nħossu l-ħsejjes u naqraw?'

(**qażquż, lupu, tiben, zkuk, ġebel, dar**).

Wara jqabblu l-flexkard mal-istampa li tkun imwaħħla fuq il-*Flannel Graph*.

**<u>It-tielet pass</u>**

L-interactive whiteboard ser jiġi użat sabiex it-tfal iħassru u jsibu stampa ta' tiben, zkuk, ġebel u dar - (Hide and Reveal) (T). Wara t-tfal jiġu mistoqsija biex iqabblu l-kelma mal-istampa. Imbagħad it-tfal jiġu mitluba jiktbu l-ewwel ittra tal-kelma. Tinħadem il-*handout*: 'Ikteb l-ewwel ittra'.

**<u>Ir-raba' pass</u>**

Hemm tliet *handouts* u żewġ attivitajiet differenti. It-tfal ser jagħżlu waħda minn dawn il-handouts jew attivita.
L-ewwel *handout* – Ikteb ftit sentenzi. (P K)
It-tieni *handout* – Poġġi l-istampi tal-istorja f'sekwenza tajba. (S T)
It-tielet *handout* – Ivvinta mod ieħor kif tispiċċa l-istorja. (K)
Ir-raba' attivita – Ibni dar. (T)

**<u>Konklużjoni</u>**

Sabiex niżguraw li sar it-tagħlim, it-tfal jiġu mistiedna sabiex jitkellmu dwar liema parti mill-istorja għoġbithom l-iktar.

**Riżorsi**

Flexkards bil-kliem - **qażquż, lupu, dar, tiben, zkuk, ġebel**
Flexkards bl-istampi - **qażquż, lupu, dar, tiben, zkuk, ġebel**
*Fishing Rod* bil-Kalamita
Kaxxa
PowerPoint bl-istorja tat-*Tliet Qżieqeż*
*Hide & Reveal Activity* fuq l-*Interactive Whiteboard*
Handout 1 – Ikteb l-ewwel ittra.
Handout 2 – Poġġi l-istampi tal-istorja f'sekwenza tajba.
Handout 3 – Ivvinta mod ieħor kif tispiċċa l-istorja.
Handout 4 - Ikteb ftit sentenzi

Nota
***Teaching strategy:***
It-tfal ta' dan il-grupp jużaw *patterns* differenti. Hemm min juża s-sekwenza, hemm min il-preċiżjoni u hemm min juża l-ħsieb tekniku għalhekk qiegħda nipprova nagħżel attivitajiet li se jgħinuni nilħaq l-għanijiet prinċipali ta' din il-lezzjoni. Innutajt li dawn it-tfal ma jużawx l-*pattern* tal-konfluwenza għalhekk qed nipprova noħloq attivitajiet fejn dawn it-tfal ikunu jistgħu jaħsbu ideat ġodda permezz tat-tpinġija.

| |
|---|
| ***Handout 1***: |
| Ikteb l-ewwel ittra (Precision activity) |
| ***Interactive activity:*** |
| Qabbel il-kliem mal-istampi (Sequential activity) |
| ***Handout 2***: |
| Poġġi u qasqas l-istampi tal-istorja f'sekwenza tajba. (Technical activity and sequential activity) |
| ***Handout 3:*** |
| Ivvinta mod ieħor kif tispiċċa l-istorja. (Confluent activity) |
| ***Handout 4:*** |
| Ikteb ftit sentenzi dwar l-istampi. (Precise and confluent activity) |
| ***Hands-on activity:*** (Technical activity) |
| Ibni dar. |